DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 274/2014

tat-12 ta' Diċembru 2014

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2015/2141]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/289/UE tal-15 ta' Mejju 2014 li tippermetti lill-Istati Membri jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għas-sustanzi attivi pinoksaden u meptildinokap [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 13zzzzk (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 922/2014) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"13zzzzl. **32014 D 0289**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/289/UE tal-15 ta' Mejju 2014 li tippermetti lill-Istati Membri jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għas-sustanzi attivi pinoksaden u meptildinokap (ĠU L 147, 17.5.2014, p. 114)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/289/UE fil-lingwa Iżlandiża u f'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dak inhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 203/2014 tat-30 ta' Settembru 2014 [2], skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Kurt JÄGER

---

[1] ĠU L 147, 17.5.2014, p. 114.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.
[2] ĠU L 202, 30.7.2015, p. 57.